

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-inklużjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2015/C 242/02)

Relatur: Béatrice OUIIN

Nhar l-10 ta' Lulju 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

“L-inklużjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol”

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-18 ta' Diċembru 2014.

Matul il-504 sessjoni plenarja tiegħu li saret fil-21 u t-22 ta' Jannar 2015 (seduta tal-21 ta' Jannar 2015), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'212-il vot favur, vot (1) wieħed kontra u 10 astensjonijiet.

1. Rakkomandazzjonijiet

1.1. Sabiex jimplimenta l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta' Persuni bin-Nazzjonalità ta' Pajjiżi Terzi kemm fir-rigward tal-aċċess tan-nisa għall-impjieg, kif ukoll fir-rigward tal-integrazzjoni tal-immigranti, u peress li l-Ewropa teħtieġ il-migranti, minkejja d-diskorsi ostili li l-propaganda tagħhom hija ta' tħassib u tmur kontra l-interess fit-tul tal-popolazzjonijiet li jgħixu fl-Ewropa, **il-KESE jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex:**

- jużaw aħjar il-potenzjal tas-Semestru Ewropew u joħorġu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi dwar l-integrazzjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol,
- iqisu n-natura speċifika tan-nisa migranti waqt it-tħejjija tal-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015,
- ikomplu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja, sabiex ma jiddewwimx l-aċċess għall-impjieg tan-nisa li għandhom dritt għar-riunifikazzjoni u sabiex iqisu reviżjoni ta' din id-Direttiva sabiex il-miżżewġin tagħhom ikollhom aċċess immedjat għall-impjieg,
- jevalwaw sehem in-nisa fost il-benefiċjarji tal-Karta Blu Ewropea ⁽¹⁾ u tad-Direttiva relatata mal-ħaddiema staġonali ⁽²⁾, kif ukoll in-natura tal-impjiegi li għandhom, sabiex jiġi assigurat li n-nisa migranti ma jkunux vittmi ta' diskriminazzjoni,
- jassiguraw li r-regoli futuri relatati mar-riċerkaturi, studenti, voluntiera u ħaddiema au pair ⁽³⁾ ikunu ta' benefiċċju kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel,
- jaċċertaw li l-istrumenti finanzjarji dedikati għall-integrazzjoni tal-immigranti jkunu nofshom iddedikati mill-inqas għan-nisa.

1.2. Apparti l-miżuri li għandhom jiġu applikati għall-immigranti kollha, nisa u irġiel, **il-KESE jitlob lill-Istati Membri sabiex:**

- jimplimentaw għanijiet ċari u ambizzjużi relatati mal-integrazzjoni tan-nisa migranti,
- jadottaw politiki li jqisu s-sitwazzjoni speċifika tan-nisa, il-livell tagħhom ta' kwalifiki, l-għarfien tagħhom tal-lingwa tal-pajjiż ta' akkoljenza, jekk jagħmlux parti mill-ewwel ġenerazzjoni ta' immigrazzjoni jew mill-ġenerazzjonijiet ta' wara,

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009.

⁽²⁾ Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014.

⁽³⁾ Proposta għal Direttiva COM(2013) 151 final.

- jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, bil-miżuri implimentati favur l-integrazzjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol,
- fil-kuntest tar-riunifikazzjoni tal-familja, m'għandux ikun hemm dewmien fl-aċċess għall-impjieg għas-sieħeb/sieħba tagħhom sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni tal-familji u jiġu evitati l-faqar u t-telf tal-kompetenzi,
- f'kull stadju tal-proċess tal-migrazzjoni, in-nisa jiġu garantiti d-drittijiet individwali, u mhux sempliċiment id-drittijiet bħala membri tal-familja,
- jiżguraw informazzjoni aħjar lin-nisa migranti dwar l-aċċess għas-servizzi implimentati sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-taħriġ lingwistiku u professjonali u għall-impjieg ta' kwalità,
- jorganizzaw taħriġ lingwistiku li jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa immigranti, li jkun orjentat lejn it-tiftix ta' impjieg u li jkun aċċessibbli għalihom,
- jaċċelleraw il-proċess tar-rikonossiment tal-kwalifiki u tal-esperjenza miksuba barra l-pajjiż sabiex in-nisa jkunu jistgħu jsibu impjieg li jikkorrispondu mal-kompetenzi u l-aspirazzjonijiet tagħhom,
- jevitaw it-telf ta' ħliet, li jirrappreżenta telf tal-kapital uman,
- jikkunsidraw li x-xogħol fxi setturi (it-tindif, il-kura tat-tfal u l-anzjani, il-lukandi u ristoranti, l-agrikoltura, eċċ.) jistgħu joffru opportunitajiet lin-nisa immigranti inqas kwalifikati, sakemm jittieħdu passi sabiex ix-xogħol mhux iddikjarat jiġi legalizzat, isir professjonali u jiġi vvalutat, biex in-nisa jingħataw taħriġ f'dawn l-impjiegi u jkunu jistgħu jipprogressaw fil-karriera tagħhom,
- jappoġġjaw lin-nisa intraprendituri u jhegħu l-edukazzjoni intraprenditorjali tan-nisa migranti,
- jinvolvu lill-imsieħba soċjali u lis-soċjetà ċivili fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politiki,
- jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali (Nazżjonijiet Uniti) dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom tat-18 ta' Diċembru 1990,
- jirregolarizzaw id-dritt għas-soġġorn tal-immigranti li ilhom snin twal jgħixu fl-Ewropa; ir-regolarizzazzjoni mifruxa li twettqet minn ċerti Stati Membri ħalliet il-benefiċċji.

1.3. Fl-aħħar, il-KESE jitlob lill-imsieħba soċjali sabiex:

- jinkludu aħjar il-karatteristiċi speċifiċi tan-nisa migranti fil-programm ta' ħidma dwar id-djalogu soċjali Ewropew,
- jiffaċilitaw, fil-ftehimiet kollettivi, ir-rikonossiment tal-kwalifiki tan-nisa migranti.

2. Introduzzjoni

2.1. Għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin, l-immigrazzjoni qed tkun magħmula minn iktar nisa. In-nisa jimmigraw lejn l-Ewropa biex jingħaqdu ma' familthom, jew inkella huma refuġjati u qegħdin jitolbu l-asil. Ħafna huma daww li jiġu biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom, filwaqt li jħallu familthom f'pajjiżhom, u jsiru l-appoġġ prinċipali tal-familja.

2.2. Jistgħu jaslu fl-Ewropa b'permess ta' residenza jew mingħajru, b'livelli għoljin ta' kwalifiki jew mingħajrhom. Jitilqu minn pajjiżhom b'mod volontarju jew huma kostretti li jagħmlu dan, u xi wħud huma vittmi tat-traffikar tal-persuni. Għalhekk din il-popolazzjoni hija importanti daqs kemm hija diversifikata.

2.3. Min-naħa tagħha, minħabba t-tixjir tal-popolazzjoni, it-tnaqqis fir-rata tat-twelid u l-bżonnijiet tal-forza tax-xogħol kwalifikata f'diversi setturi, l-Ewropa qed tiffaċċja sfida kbira fis-suq tax-xogħol.

2.4. F'dan il-kuntest, in-nisa migranti jirrappreżentaw sors ta' kompetenzi u kreattività li l-lum m'humiex sfruttati biżżejjed. L-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol hija bżonn. Din tikkontribwixxi sabiex jitwettaq il-potenzjal sħiħ tal-migrazzjoni, kemm għall-migranti nisa kif ukoll għall-Unjoni Ewropea. Hija ssaħħa l-integrazzjoni u tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali.

2.5. Il-KESE diġà esprima l-fehmiet tiegħu dwar il-kwistjonijiet tal-immigrazzjoni u l-integrazzjoni u ħareġ diversi rakkomandazzjonijiet fir-rigward kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa⁽⁴⁾. Din l-Opinjoni ser tevita li tirrepeti dawn irakkomandazzjonijiet.

2.6. Min-naħa l-oħra, s'issal-KESE ma kienx ħareġ proposti li huma speċifiċi għan-nisa migranti. Peress li mkien fid-dinja ma titwettaq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u peress li jeżistu kwistjonijiet speċifiċi għan-nisa li ma jistgħux jiġu osservati b'approċċ globali, din l-Opinjoni hija dedikata għall-inklużjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol.

3. Kuntest Ewropew

3.1. Iż-żieda fir-rata tal-impjeg tan-nisa, bħal dik tal-migranti, hija waħda mill-prijoritajiet tal-UE, imħabbra fl-Istrateġija Ewropa 2020, l-Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta' Persuni bin-Nazzjonalità ta' Pajjiżi Terzi⁽⁵⁾ kif ukoll fil-programmi pluriannwali tal-Kunsill Ewropew⁽⁶⁾.

3.2. L-Istrateġija Ewropea tipprevedi li r-rata tal-impjeg titla' għal 75 % sal-2020 u biex dan l-għan jinkiseb hemm bżonn li n-nisa migranti jiġu inklużi aħjar fis-suq tax-xogħol. F'dan il-kuntest, is-Semestru Ewropew jista' jkun għodda prezzjuża. L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri għall-integrazzjoni tan-nisa migranti u l-Kummissjoni għandha tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward.

3.3. In-natura speċifika tan-nisa migranti għandha wkoll titqies aħjar waqt it-tħejjija tal-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015. Din l-Istrateġija għandha tikkontribwixxi sabiex ittejjeb post in-nisa migranti fis-suq tax-xogħol, inkluż billi titħeġġeġ l-intraprenditorija.

3.4. Fil-livell tal-UE, is-sitwazzjoni tan-nisa migranti tvarja ħafna skont liema Direttiva tkun qed tiġi applikata.

3.5. Id-detentriċi tal-Karta Blu⁽⁷⁾ għandha aċċess aktar faċli għal impjegi bi kwalifiki għoljin; bl-istess mod, il-mara tad-detentur ta' Karta Blu għandha dritt ġenerali, awtomatiku u immedjat ta' aċċess għas-suq tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti.

3.6. Min-naħa l-oħra, il-mara miżżewġa li tibbenefika mir-riunifikazzjoni tal-familja⁽⁸⁾ xi kultant ikollha tistenna sena qabel ikollha aċċess għal impjeg b'paga jew biex tkun tista' taħdem għal rasha, dewmien li jista' jiġi impost mill-Istati Membri. Dan iż-żmien ta' stennija jagħmel lill-mara dipendenti fuq ir-raġel tagħha, ibiegħda mis-suq tax-xogħol u jġieghilha tittelf parti mill-ħiliet tagħha. Sabiex tirrimedja dan, il-Kummissjoni Ewropea m'għandhiex tkun limitata li tikkontrolla l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja fl-Istati Membri u għandha tqis ir-reviżjoni tagħha.

3.7. Fir-rigward ta' dawh li japplikaw għall-asil, meta jiġu pprojbiti li jaħdmu, dawn jiġu inċitati jagħmlu xogħol mhux iddikjarat. Għalhekk għandhom jitneħħew l-ostakli legali għall-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-fatt li jkollhom xogħol għandu jippermettilhom jirregolarizzaw l-istatut ta' residenza tagħhom. Ir-regolarizzazzjoni fuq skala mifruxa li għaddew minnha ċertu Stati Membri ħalliet riżultati tajbin.

3.8. F'konklużjoni, l-armonizzazzjoni tal-istrumenti Ewropej hija meħtieġa sabiex kull persuna li tkun tgħix legalment fit-territorju Ewropew ikollha aċċess immedjat għall-impjeg u għad-drittijiet personali għar-residenza, indipendentement mill-istatus taż-żwieġ.

4. Miżuri speċifiċi għall-integrazzjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol tal-Istati Membri

4.1. *Osservazzjoni preokkupanti: diffikultajiet minħabba li mara u minħabba li immigranta*

4.1.1. Is-suq tax-xogħol huwa żvantaġġjuż għan-nisa, humiex Ewropej jew immigranti. Minkejja l-qafas leġislattiv tal-UE, il-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali, l-aċċess għad-drittijiet soċjali u għall-pożizzjonijiet ta' responsabbiltà jew il-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika jibqgħu aktar diffiċli għan-nisa milli għall-irġiel.

⁽⁴⁾ L-Opinjonijiet tal-KESE l-aktar reċenti: ĠU C 451 tas-16.12.2014, p. 96, ĠU C 67 tas-6.3.2014, p. 16, ĠU C 351 tal-15.11.2012, p. 16, ĠU C 181 tal-21.6.2012, p. 131, ĠU C 48 tal-15.2.2011, p. 6, ĠU C 354 tat-28.12.2010, p. 16, ĠU C 347 tat-18.12.2010, p. 19, ĠU C 128 tat-18.5.2010, p. 29, ĠU C 27 tat-3.2.2009, p. 95, kif ukoll ir-Rapport ta' Informazzjoni dwar l-isfidi l-għodda tal-integrazzjoni, SOC/376.

⁽⁵⁾ COM(2011) 455 final.

⁽⁶⁾ Kunsill Ewropew ta' Tampere (1999), tal-Aja (2004) u ta' Stokkolma (2009).

⁽⁷⁾ Id-Direttiva 2009/50/KE (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17).

⁽⁸⁾ Id-Direttiva 2003/86/KE (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12).

4.1.2. In-nisa huma kkonċentrati f'xi setturi ⁽⁹⁾ (is-saħħa, l-edukazzjoni, l-amministrazzjoni pubblika, il-lukandi u r-restoranti, is-servizzi lill-familja, ix-xogħol domestiku, eċċ.). Ta' spiss jaħdmu part time u huma wkoll l-aktar li jaħdmu b'kuntratti qosra, ta' natura prekarja. Fl-2014, id-distakk fis-salarju medju tan-nisa u tal-irġiel fl-UE għadu ta' 16,4 % ⁽¹⁰⁾, filwaqt li dak fil-pensjonijiet huwa ikbar.

4.1.3. Is-sitwazzjoni hija aktar ta' tħassib għan-nisa migranti, ir-rata tagħhom ta' attività professjonali hija inqas minn dik tan-nisa mill-pajjiż. Il-maġġoranza tagħhom huma kkonċentrati fi ftit setturi u jintlaqtu aktar mill-impjeg prekarju u part time, il-pagi baxxi u l-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol. L-ostakli kulturali fil-familja jew il-komunità tagħhom jistgħu jżommuhom milli jkollhom aċċess għall-impjeg. Barra minn hekk, jistgħu jiġu diskriminati fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol.

4.2. Hemm bżonn ta' miżuri speċifiċi

4.2.1. Din is-sitwazzjoni teħtieġ azzjoni pożittiva li qabel kollox għandha tqis is-sitwazzjoni speċifika tan-nisa, il-livell tagħhom ta' kwalifiki, l-għarfien tagħhom tal-lingwa tal-pajjiż ta' akkoljenza, jekk jagħmlux parti mill-ewwel ġenerazzjoni ta' immigrazzjoni jew mill-ġenerazzjonijiet ta' wara.

4.2.2. Ċerti miżuri, marbutin mal-konċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u familjali, huma l-istess bħal daww għan-nisa mill-pajjiż. Għall-familji immigranti huwa importanti li jkollhom aċċess għas-servizzi ta' kwalità għall-kura tat-tfal, aċċessibbli kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll ġeografiku, peress li b'mod ġenerali, il-familja tagħhom ma tkunx qrib biex tgħin.

4.2.3. Azzjonijiet oħra huma aktar speċifiċi għan-nisa migranti: il-ġlieda kontra r-razziżmu, it-titjib fl-aċċess għar-residenza, għall-kura tas-saħħa, għas-servizzi soċjali, il-ġlieda kontra ż-żwiġijiet furzati, il-poligamija eċċ. It-tgawdija mir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-Ewropa, il-ħrib mill-vjolenza fuq in-nisa u mis-sitwazzjonijiet ta' inugwaljanza huma raġunijiet li jimbuttaw lin-nisa biex jitolqu pajjiżhom. M'għandhomx isibu l-istess problemi fl-Ewropa, iżda minkejja dan, dawn id-diffikultajiet jeżistu wkoll, u jolqtu saħansitra lit-tieni ġenerazzjonijiet ta' immigranti, fejn jiġi ostakolat l-aċċess tagħhom għall-impjeg.

4.2.4. Fl-UE, is-soċjetà ċivili, l-assoċjazzjonijiet tan-nisa immigranti u l-universitajiet hađu bosta inizjattivi fil-livell lokali li ħallew il-frott, relatati mal-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Dawn l-inizjattivi għandhom jiġu appoġġjati u t-tixrid ta' dawn il-prattiki tajba għandu jitteġġi fil-livell nazzjonali u bejn l-Istati Membri.

4.3. Il-ġbir ta' data neċessarja għal politiki infurmati

4.3.1. Sabiex ikun hemm għarfien aktar fil-fond tal-bżonnijiet tan-nisa immigranti u sabiex jittejjew politiki adattati, huwa indispensabbli li jkun hemm disponibbli l-aħjar statistika, diżaggregata skont is-sess u skont in-nazzjonalità jew l-oriġini, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew.

4.4. Informazzjoni aħjar lin-nisa migranti

4.4.1. Sabiex jitjieb l-għarfien tas-soċjetà ta' akkoljenza u tas-suq tax-xogħol tagħha, jeħtieġ li n-nisa migranti jingħataw aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi eżistenti, f'diversi lingwi u f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u n-netwerks tal-migranti, li l-kontribut tagħhom għandhom jiġu rikonoxxuti u appoġġjati.

4.5. It-tagħlim tal-lingwi tal-pajjiż ta' akkoljenza għandu jiġi ffaċilitat

4.5.1. L-integrazzjoni u l-aċċess għall-impjeg jiddependu mill-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ta' akkoljenza. Il-ħakma insuffiċjenti tal-lingwa tkompli l-iżolament tan-nisa, twaqqafhom milli jkunu jafu drittijiethom u li jkollhom aċċess għas-servizzi pubbliċi u tolqot l-integrazzjoni ta' uliedhom. Fil-fatt, ir-riżultati tal-iskola tal-maġġoranza taż-żgħażaġh li ġejjin mill-immigranti huma inferjuri għal daww tan-nattivi.

4.5.2. L-awtoritajiet pubbliċi għalhekk iridu jagħmlu korsijiet tal-lingwi disponibbli għan-nisa migranti, li jkunu aċċessibbli mil-lat ta' flus, lok u ħinijiet (konċiljabbli mal-preżenza tat-tfal zġar fid-dar). Mil-lat tal-kontenut, il-korsijiet għandhom ikunu utli fit-tiftix ta' impjeg u l-kuntatti mas-servizzi pubbliċi.

⁽⁹⁾ Gender Equality Index Report (Rapport dwar l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE, 2013) paġna 21.

⁽¹⁰⁾ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Gender_pay_gap_statistics

4.6. Nirrikonoxxu l-kwalifiki u nipprevjenu t-telf ta' hili

4.6.1. Il-profil tan-nisa immigranti huma diversi u l-politiki għandhom jiġu adattati għal dawn id-differenzi. Xi wħud għandhom livell baxx ta' edukazzjoni u esperjenza, filwaqt li oħrajn għandhom kwalifiki universitarji jew professjonali importanti.

4.6.2. L-akbar diffikultà għal numru kbir fosthom hija kif il-kwalifiki u l-esperjenza miksuba barra l-pajjiż jistgħu jiġu rikonoxxuti, u dan huwa paradossali peress li l-Ewropa għandha bżonn ta' persunal kwalifikat f'numru ta' oqsma. Il-perjodu ta' stennija li xi kultant ikun twil sabiex id-diplomi tagħhom jiġu rikonoxxuti jista' jwassal għal skoraġġiment, telf ta' għarfien u jista' jimbutta lil dawn in-nisa sabiex jaċċettaw impjieg li għalih ikunu kwalifikati ħafna. In-nisa migranti qiegħda jew li jagħmlu xogħlijiet li jirrikjedu kwalifiki iktar baxxi minn dawk li għandhom huma riżorsa mhux użata tajjeb biżżejjed li tirrappreżenta ħela ta' kapital uman.

4.6.3. Għandhom jinħolqu servizzi bil-għan li jkunu jistgħu jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki miksuba fil-pajjiż ta' oriġini. L-imsieħba soċjali wkoll għandhom rwol importanti x'jaqdu sabiex jiffaċilitaw, fil-ftehimiet kollettivi, ir-rikonoxximent ta' dawn il-kwalifiki.

4.6.4. Ċerti setturi, bħat-tindif, il-kura tat-tfal u l-anzjani, il-lukandi u ristoranti, l-agrikoltura u l-ekonomija soċjali, jistgħu joffru opportunitajiet għan-nisa immigranti inqas kwalifikati kemm bħala impjegati kif ukoll bħala intraprendituri indipendenti. Madankollu jeħtieġ li dawn is-setturi jiġu professjonalizzati u valutati, ikun hemm taħriġ għan-nisa f'dawn l-impjiegi u jiġi rikonoxxut il-kontribut importanti tal-ħaddiema f'dawn l-oqsma, sabiex ix-xogħol f'dawn is-setturi jkun ta' benefiċċju kemm għan-nattivi kif ukoll għan-nisa immigranti.

4.6.5. Xogħol bħal dan jista' wkoll ikun temporanju, minn fejn tinbet l-importanza li jiġi offrut taħriġ meta n-nisa jkunu qegħdin jaħdmu f'dawn l-oqsma, sabiex ikunu jistgħu jipprogressaw il-karriera tagħhom jew jersqu lejn impjiegi oħra.

4.6.6. Il-każ speċifiku tax-xogħol fid-djar privati

4.6.6.1. Minkejja li mhux in-nisa immigranti kollha jaħdmu f'dan is-settur, ta' spiss dan huwa s-settur li jiġbidhom għall-bidu, minn naħa minħabba li hemm domanda qawwija, u min-naħa l-oħra minħabba li jistgħu jaħdmu mingħajr dokumenti.

4.6.6.2. Dawn in-nisa jsibu ruħhom maqbudin: ma jistgħux jaħdmu ħliet impjieg mhux iddikjarat, mingħajr ħarsien. Peress li ma jistgħux juru li jaħdmu, dawn ma jistgħux jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tagħhom jew jiksbu permess ta' residenza. Għalhekk jinsabu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà kbira, waħedhom quddiem ħafna impjegaturi jew ikunu jgħixu fid-dar tal-impjegatur tagħhom.

4.6.6.3. Xi Stati Membri hađu miżuri li wasslu għal-legalizzazzjoni ta' dan ix-xogħol mhux iddikjarat (għajjnuna fiskali fl-Isvezja, skemi ta' kupuni għas-servizzi domestiċi (it-titres services fil-Belġju, iċ-chèque emploi service fi Franza), eċċ.), liema miżuri jiffaċilitaw il-proċeduri ta' reġistrazzjoni għall-impjegaturi u jippermettu lill-impjegati jkollhom aċċess għad-drittijiet soċjali u juru l-attività professjonali tagħhom, u b'hekk titwitta t-triq għar-regolarizzazzjoni tal-istatut tar-residenza tagħhom.

4.6.6.4. L-Istati Membri għandhom jirratifikaw l-Konvenzjoni Nru 189 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) ⁽¹¹⁾, li tippermetti li l-ħaddiema domestiċi jingħataw drittijiet ekwivalenti għal dawn ta' ħaddiema oħra, u li dan is-settur jiġi strutturat, bħalma jirrakkomanda l-KESE fl-Opinjoni tiegħu "L-iżvilupp tas-servizzi għall-familja biex ir-rata tal-impjiegi tiżdied u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fix-xogħol" ⁽¹²⁾.

4.7. Appoġġ għall-impjieg indipendenti u l-intraprenditorjat

4.7.1. Ir-riċerki juru li l-ispiritu tal-innovazzjoni u l-intraprenditorjat tal-immigranti huwa superjuri għal dak tan-nattivi. F'ħafna pajjiżi huma jadottaw l-istatut ta' intraprenditur indipendenti jew joħlqu intrapriżi ġodda, fejn ta' spiss jimpjegaw immigranti oħra. Il-Kumitat iddedika Opinjoni ⁽¹³⁾ għall-kontribut tal-intraprendituri migranti fl-ekonomija tal-UE.

4.7.2. Sabiex jirnexxu aħjar, dawn l-intrapriżi għandhom bżonn li jiġu appoġġjati sabiex ikollhom aċċess għall-finanzjament, jitgħallmu jfasslu pjan ta' negozju, jifhmu l-ambjent ekonomiku tal-pajjiż ta' akkoljenza. Għandhom jiġu żviluppati inizjattivi speċifiċi sabiex jgħinu lin-nisa intraprendituri u għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-intraprenditorjat soċjali.

⁽¹¹⁾ Konvenzjoni Nru 189 tal-ILO li daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Settembru 2013.

⁽¹²⁾ ĠU C 12, 15.1.2015, p. 16.

⁽¹³⁾ ĠU C 351, 15.11.2012, p. 16.

4.7.3. In-nisa immigranti għandhom ukoll ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-isponsorjar minn intraprendituri oħra b'aktar esperjenza, filwaqt li għandhom jiġu meġhuna n-networks tan-nisa migranti intraprendituri. L-edukazzjoni intraprenditorjali għandha tiġi offerta wkoll lin-nisa immigranti u għandha tiġi organizzata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata.

4.8. *Titjib tar-reputazzjoni tan-nisa immigranti*

4.8.1. Filwaqt li l-immigrazzjoni tan-nisa awtonomi, ta' nisa ta' spiss kwalifikati, qed tiżdied, ir-rappreżentanza soċjali tal-mara immigranta bħala vittma ta' kultura li f'it tħalli lok għad-drittijiet tan-nisa qiegħda timxi 'l quddiem bil-mod il-mod. Hemm bżonn ta' reputazzjoni iktar pożittiva tan-nisa migranti u din għandha sservi ta' mudell fil-komunitajiet tal-immigranti. Il-kampanji ta' informazzjoni għandhom jagħtu kontribut għal dan.

4.9. *Titjib tal-kooperazzjoni f'aktar minn livell wieħed*

4.9.1. L-integrazzjoni effettiva tista' sseħħ biss jekk ikun hemm sħubija bejn il-firxa kollha ta' daww li għandhom interess, bħall-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri u l-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali.

4.9.2. L-involvement tas-soċjetà ċivili organizzata – u b'mod partikolari tal-assoċjazzjonijiet tan-nisa migranti – għandu jseħħ fl-istadji kollha tal-politiki relatati mal-integrazzjoni tan-nisa migranti fis-suq tax-xogħol. Dawn il-partijiet interessati fil-fatt jistgħu jagħtu valur miżjud ġenwin permezz tal-għarfien tagħhom tar-realtajiet li jgħixu n-nisa immigranti. Dan jista' jgħin ukoll biex jinholq sens ta' sjieda konġunta, li jikkontribwixxi għall-aċċettazzjoni soċjali u l-implimentazzjoni tal-politika.

5. **Konklużjoni**

5.1. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija waħda mill-modi l-aktar effiċjenti u konkreti sabiex persuna tintegra fis-soċjetà. In-nisa immigranti għandhom bżonn li jiġu appoġġjati u akkumpanjati fil-mixja tagħhom lejn l-integrazzjoni. Għandhom jiġu infurmati dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fis-soċjetà ta' akkoljenza, jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom, ikollhom aċċess għat-taħriġ, jivvalutaw il-ħiliet tagħhom u jiġu rikonoxxuti għall-kontribut li jagħtu għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropea.

Brussell, il-21 ta' Jannar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE